31996R1476

L 188/4 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.7.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1476/96
tas-26 ta' Lulju 1996
li jiftaħ il-kwoti għal importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti li jaqgħu fil-kategoriji 87 u 109 u li joriġinaw mill-Korea ta' Fuq u li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar ir-regoli komuni ta' l-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti terzi pajjiżi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni dwar l-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti terzi pajjiżi li ma humiex koperti bi ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra jew b'regoli tal-importazzjoni speċifiċi tal-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 538/96 [2], u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 5 flimkien ma l-Artikolu 25(4) tiegħu,

Billi l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 517/94 jesiġi li l-prodotti tat-tessuti li hemm referenza għalihom fl-Anness V u li joriġinaw mill-pajjiżi indikati hemm, jistgħu jiġu impurtati fil-Komunità basta li l-limitu tal-kwantità annwali jkun ġie stabbilit bil-proċeduri xierqa kif inhuma pprovduti fl-Artikolu 25;

Billi l-Kummissjoni irċeviet talbiet minn tlett Stati Membri bl-iskop li jiġu introdotti limiti kwantitattivi għall-importazzjoni ta' prodotti li jaqgħu fil-kategoriji 87 (ingwanti, ingwanti minghajr swaba u manikotti, li ma humiex innitjati jew maħduma bil-ganċ) u 109 (kampijiet, qlugħ, tined u purtieri tax-xemx) li joriġinaw mill-Korea ta' Fuq (imniżżla fl-Anness V tar-Regolament (KE) 5174/94) biex jissodisfa ċerti ħtiġiet tas-suq, wara konsiderazzjonijiet fil-kumitat imwaqqaf taħt l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94, kien ġie kkunsidrat xieraq li partikolarment fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Komunità ikkonċernata, li jiġu stabbiliti limiti kwantitattivi annwali għal importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li jaqgħu fil-kategoriji 87 u 109 li joriġinaw mill-Korea ta' Fuq ta' 5 tunnellati u 10 tunnellati rispettivament, li jkunu applikabli mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; billi l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) 517/94 għandu jkun skond kif emendat; billi l-kwoti f'dan il-każ ikunu mmaniġjati, fl-interess tas-sigurtà legali; bi qbil u skond l-Artikolu 17 ta' ta' dan ir-Regolament;

Billi dawn il-miżuri huma skond l-opinjonijiet tal-kumitat imwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tat-tessuti li jaqgħu fil-kategoriji 87 u 109 u li joriġinaw mil Korea ta' Fuq, għandhom ikunu suġġetti, bla ħsara għal limiti kwantitattivi annwali ta' 5 tunnellati u 10 tunnellati rispettivament.

Il-limiti kwantitattivi kif provduti hawn fuq għandhom ikun immaniġġjati skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94.

Artikolu 2

L-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 517/94 huma hekk emendati kif indikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regoament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu japplikabbli fl-Istati Membru kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Viċi-President

[1] ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1.
[2] ĠU L 79, tad-29.3.1996, p. 1.

ANNESS

"ANNESS IV

Limiti kwantitattivi annwali tal-Komunità kif riferuti fl-Artikolu 3(1)

(Id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kategoriji imniżla f'dan l-Anness jinsabu fl-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

KOREA TA' FUQ

Kategorija	Unità	Kwantità
1	tunnellati	128
2	tunnellati	145
3	tunnellati	49
4	1 000 biċċa	285
5	1 000 biċċa	119
6	1 000 biċċa	144
7	1 000 biċċa	93
8	1 000 biċċa	133
9	tunnellati	71
12	1 000 pár	1 290
13	1 000 biċċa	1 509
14	1 000 biċċa	94
15	1 000 biċċa	107
16	1 000 biċċa	55
17	1 000 biċċa	38
18	tunnellati	61
19	1 000 biċċa	411
20	tunnellati	141
21	1 000 biċċa	2 857
24	1 000 biċċa	263
26	1 000 biċċa	173
27	1 000 biċċa	167
28	1 000 biċċa	285
29	1 000 biċċa	75
31	1 000 biċċa	293
36	1 000 biċċa	91
37	1 000 biċċa	356
39	1 000 biċċa	51
59	1 000 biċċa	466
61	1 000 biċċa	40
68	1 000 biċċa	75
69	1 000 biċċa	184
70	1 000 biċċa	270
73	1 000 biċċa	93
74	1 000 biċċa	133
75	1 000 biċċa	39
76	tunnellati	74
77	tunnellati	9
78	tunnellati	115
83	tunnellati	31
87	tunnellati	5
109	tunnellati	10
117	tunnellati	51
118	tunnellati	23
142	tunnellati	10
151A	tunnellati	10
151B	tunnellati	10
161	tunnellati	152

ANNESS V

Riferut fl-Artikolu 3(3)

(Id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kategoriji imnżla f'dan l-Anness jinsabu f'L-Anness I A ta' dan ir-Regolament)

KOREA TA' FUQ

Kategoriji: 10, 22, 23, 32, 33, 34, 35, 38, 40, 41, 42, 49, 50, 53, 54, 55, 58, 62, 63, 65, 66, 67, 72, 84, 85, 86, 88, 90, 91, 93, 97, 99, 100, 101, 111, 112, 113, 114, 120, 121, 122, 123, 124, 130, 133, 134, 135, 136, 137, 138, 140, 141, 145, 146A, 146B, 146C, 149, 150, 153, 156, 157, 159, 160.'"